Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Sarah Magri]

vs

Keith Pace

-Omissis-

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 112/21

Illum, 5 ta' Frar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Keith Pace detentur tal-karta tal-identita' numru 327480M

U

-Omissis-

U

-Omissis-

Lil Keith Pace u -Omissis- akkuzati talli:-

1. Nhar il-21 ta' Marzu 2014 bejn 14:00hrs u 16:00hrs gewwa Triq is-Santissima Trinita, Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Rosita Scerri u cioe' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni SEB 724, liema ammont jeccedi aktar minn Euros 116.47 izda anqas minn Euros 1164.67;

Lil Keith Pace, -omissis- u lil -omissis- akkuzati talli:

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghhom kkaguna lil haddiehor u cioe lil -omissis- u il-familjari taghha, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;

3. U akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

4. U akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;

Lil Keith Pace wahdu akkuzat talli:

5. U akkuzat talli nhar il-21 ta' Marzu 2014 bejn 17:00hrs u 20:00hrs gewwa l-Ghassa tal-Marsa ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. Fil-waqt li tkun ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan ai terminu ta' Artikoli 49 u 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Rosita Scerri u lil membri tal-familja tieghu, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 338(dd), 49, 50 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Stante li l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat Keith Pace ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi ma ssibx lill-imputat Keith Pace hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u minnhom tilliberah.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**